MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1019/2010

**TRAVEL SERVICES (MALTA) LIMITED** (C-19470)

vs

Giovanni **LIOTTI** f'ismu personali, ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' *Liotti Viaggi*; u *Liotti Viaggi* by Solintur s.r.l.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-8 ta' Ottubru, 2010, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet (a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-imharrkin, solidament bejniethom, biex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' mija u wiehed u

erbghin elf u tnejn u hamsin ewro (€141,052) li tirrapprezenta l-bilanc ta' diversi fatturi mahrugin minnha dwar servizzi turistici ta' akkomodazzjoni u trasport moghtijin lill-intimati fuq talba taghhom;

Talbet ukoll il-hlas tal-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati bil-mod stabilit bir-Regolament 1393/07 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejhet il-kawza, u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacju tal-intimati tiddeciedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u taqta' l-kawza minghajr is-smigh;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imharrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u erbghin elf u tnejn u hamsin ewro (€141,052) rapprezentanti s-servizzi aktar 'il fuq imsemmija moghtija lill-imharrkin u fuq talba taghhom flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma, mahduma kif iridu l-artikoli 26A u 26C(2)(b) tal-Kap 13 tal-ligijiet ta' Malta b'sehh mis-7 ta' Ottubru, 2009, sal-jum tal-hlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imharrkin flimkien u solidament bejniethom biex ihallsu **l-ispejjez tal-kawza**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------